

Brussell, 19 ta' Mejju 2017  
(OR. en)

9430/17

EF 101  
ECOFIN 431  
SURE 16  
UEM 173

**NOTA**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Pjan direzzjonali konġunt ta' azzjonijiet għall-Kummissjoni u l-Istati Membri

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż verżjoni riveduta tal-Pjan direzzjonali.

**Pjan direzzjonali konġunt ta' azzjonijiet għall-Kummissjoni u l-Istati Membri**

Suġġett	Azzjoni	Attur	Iż-żmien possibbli
Fondi ta' investiment	Tkomplija tar-rieżami tar-regoli nazzjonali, bil-ħsieb tal-promozzjoni ta' fehim komuni u konverġenza regolatorja ta' qabel il-kummerċjalizzazzjoni u solleċitazzjoni ta' tregġiġh lura	L-Istati Membri (SM) u l-AETS	Q2 2018
	Arranġamenti amministrattivi tal-immappjar ulterjuri	Grupp tal-esperti (EG)	Q2 2018
	Żgurar li kull tariffa tal-fond relatat ma' notifiki hi ppubblikata b'mod komprensiv u faċli għall-utent fuq websajt unika	SM	Q2 2018
	Jiġi kkunsidrat it-twaqqif ta' dominju pubbliku għal informazzjoni relatata ma' tariffi, f'forma ta' sit web komparattiv jew repożitorju ċentrali	EG mal-ESMA	Q2 2018
Fondi tal-pensjoni	Identifikazzjoni tal-ixpruni f'investiment transfruntier, il-promozzjoni tal-aħjar prattiki fl-Istati Membri u jitqajjem għarfien dwar l-opportunitajiet ġodda taħt il-Pjan ta' Investiment għall-Ewropa, li jinvolvi banek promozzjonali nazzjonali	Sotto grupp ta' SM interessat, bil-parteċipazzjoni tal-industrija tal-fondi tal-pensjonijiet	Q1 2018
Rekwiżiti ta' residenza	Tneħħija tar-rekwiżiti tar-residenza minn prattiki leġislattivi u amministrattivi f'dak li għandu x'jaqsam ma' maniġers li jirrisjedu fl-UE, fejn mhux ġustifikati u sproporzjonati	SM	Q2 2018
Litteriżmu finanzjarju	Bidu tal-iskambju tal-aqwa prattiki dwar programmi ta' litteriżmu finanzjarju, filwaqt li tiġi kkunsidrata d-dimensjoni transfruntiera	Sottogrupp ta' Stati Membri interessati ppresedut mill-Kroazja	Q4 2017
	Kontribuzzjoni għal inizjattivi possibbli relatati mal-USK għall-iżvilupp ta' soluzzjonijiet innovattivi għal żieda fl-għarfien tal-SMEs u jappoġġjawhom biex ikollhom aċċess għal sorsi alternattivi ta' finanzjament	EG	2018
WHT	Aċċess u konferma fejn xieraq tar-rilevanza tal-aħjar disa' prattiki WHT identifikati, u l-ilħuq ta' fehim fuq lista li tista' tiġi riflessa f'tabella ta' valutazzjoni	Esperti tat-taxxa tal-SM	Q4 2017
	Diskussjoni dwar it-triq 'il quddiem fi grupp ta' ħidma tat-taxxa, bil-ħsieb li kull Stat Membru jimpenja lilu nnifsu li jkun hemm lista tal-aqwa prattiki biex jittejjeb l-istatus quo sal-2019	Esperti tat-taxxa tal-SM	Q1 2018
	Ħidma ukoll ma' esperti nazzjonali tat-taxxa dwar kodiċi ta' kondotta dwar il-prinċipji WHT.	Esperti tat-taxxa tal-SM	Q2 2018